31983L0029

L 32/28 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 3.2.1983

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
## ta' l-24 ta' Jannar 1983
## li temenda d-Direttiva 78/176/KEE dwar skart mill-industrija tat-titanju diossidu

(83/29/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 100 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi l-Kummissjoni kellha xi diffikultajiet biex tissottometti, fil-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 78/176/KEE ([3]), proposti adattati għall-armonizzazzjoni tal-programmi għat-tnaqqis progressiv tat-tniġġis; billi huwa għalhekk meħtieġ li l-limitu ta' żmien ikkonċernat jiġi estiż,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

Fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 78/176/KEE, il-frażi "Il-programmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1980 sabiex tkun tista', fi żmien perjodu ta' sitt xhur wara li tirċievi l-programmi nazzjonali kollha, tissottometti proposti adattati lill-Kunsill …" għandha tinbidel b' "Sa mhux aktar mill-1 ta' Lulju 1980 il-programmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni, li, qabel il-15 ta' Marzu 1983, għandha tissottometti proposti adattati lill-Kunsill …."

*L-Artikolu 2*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Jannar 1983.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. W. LAUTENSCHLAGER

---

([1]) ĠU C 292, tat-8.11.1982, p. 101.
([2]) ĠU C 326, tat-13.12.1982, p. 1.
([3]) ĠU L 54, tal-25.2.1978, p. 19.